# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 63/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Robert Ciappara**

Illum 30 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Robert Ciappara**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0451700(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-1 ta' Diċembru 2018 u għall-ħabta tas-13.00pm ġewwa u barra l-fond Block T, Flat 8, Trejqet il-Ġiżimini, l-Imtarfa:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Sarah Margarita Ciappara f'periklu ċar ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Sarah Margarita

Ciappara hekk kif iċċertifikat Dr. Chanelle Gatt MD (Reg. No: 5978) taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

2. fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Sarah Margarita Ciappara tibża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija Sarah Margarita Ciappara jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuna offiża u l-familja tagħha *ai termini* tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 151 *et seq.*) fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, wara li rat Artikoli 31, 202(h), 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ħmistax (15) il-xahar priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' €459.00 rappreżentanti spejjeż peritali. Finalment *a tenur* ta' Artikolu 382A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ħarġet Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat għaf-favur ta' Sarah Margerita Ciappara għal żmien tliet snin mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

*"1. Tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Robert Ciappara, ta' nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin nkwantu lliberat lill-appellanti Robert Ciappara mit-tieni akkuża u Tħassar, tirrevoka u tannulla l-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Robert Ciappara, ta' nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin nkwantu sabitu ħati tal-ewwel akkuża u konsegwentament tillibera lill-appellanti Robert Ciappara minn kull imputazzjoni u ħtija;*

*2. Fin-nuqqas tikkonferma s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni akkuża u in kwantu l-ewwel akkuza fejn sabet lill-appellanti ħati, u tgħaddi sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla l-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Robert Ciappara, ta' nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) nkwantu tirrigwarda l-ewwel akkuża u minflok tinfliġġi piena aktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn din illiberatu mit-tieni imputazzjoni filwaqt li tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija. Fin-nuqqas ta' dan, jitlob li jkun hemm mitigazzjoni tal-piena.

Illi l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- fl-ewwel aġġravju jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament skorrett tal-provi meta sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni peress illi straħet fuq l-aħħar verżjoni li tat il-*parte civile* fejn qalet li kien "deffsilha" idha ġol-vetrina u dan mingħajr ma kkunsidrat il-verżjonijiet *a tempo vergine* tal-*parte civile;*

- fit-tieni aggravju jisħaq li ma kellux jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni peress illi rreaġixxa għal provokazzjoni nġusta li saret mill-*parte civile;*

- fit-tielet aggravju jgħid li l-piena hija gravuża u jgħid li l-ġrieħi li ġarrbet il-*parte civile* kienu ġrieħi ta' natura ħafifa u ċertament il-piena li ngħatat mill-Ewwel Qorti hija gravuża tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti li waslu għal dan il-każ kienu kif isegwi: L-appellant u l-parte civile Sarah Margarita Ciappara żżewwġu fl-24 ta' Ottubru 2007 (Dok. "MGZ" – *a fol.* 69) minn liema żwieġ il-koppja għandha żewġt ulied. Jirriżulta li l-koppja kienet għaddejja minn xi problemi tant li fl-1 ta' Diċembru 2018 dawn il-problemi ħadu żvolta aktar fiżika tant illi għal ħabta tas-6.00pm il-*parte civile* Sarah Margarita Ciappara flimkien ma' Lara Micallef marru l-Għassa tar-Rabat fejn Ciappara rrapurtat li kienet sfat vittma ta'

vjolenza domestika. Fid-dikjarazzjoni (*a fol.* 24 *et seq.*) li għamlet il-*parte civile* fil-31 ta' Jannar 2019, meta hi ġiet mistoqsija tgħid x'ġara dakinhar tal-1 ta' Diċembru 2018 hija spjegat li żewġha kien talabha sabiex jirranġaw u hi ma riditx u qaltlu li setgħu jirranġaw pero' mhux kif ried hu. Tgħid li dan wassal għal konsegwenza li r-raġel tagħha beda jitfa' l-ħwejjeġ tagħha l-barra li wassal għal reazzjoni minn naħa tagħha fejn tgħid li laqtet lir-raġel tagħha f'wiċċu. Tali aġir wassal għal aktar ġlied sa meta l-appellant sakkarha mal-vetrina tal-ħġieġ u qabadha minn għonqha. Din il-kollutazzjoni waslet sabiex il-*parte civile* Ciappara weġġħet idha. Jirriżulta li dakinhar tal-1 ta' Diċembru 2018 fit-3.20pm il-*parte civile* ġiet invistata minn Dr. Chanelle Gatt li rrilaxxat ċertifikat mediku li ġie mmarkat bħala Dok. "MG" (*a fol.* 18) u fih Dr. Gatt niżżlet l-feriti li rat fuq Ciappara u ddeskriviet in-natura tal-ġrieħi bħala *"ħfief apparti għall-komplikazzjonijiet"* (*a fol.* 18).

**Ikkunsidrat**

Illi sabiex isostni l-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* b'dana illi hu ġie preġudikat *ai fini* ta' piena. Jilmenta li l-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* ma humiex konsistenti u li oriġinarjament hija rrappurtat li idha daħlet ġewwa l-vetrina u mhux li l-appellant daħħlilha idha fil-vetrina. Jilmenta wkoll li kien l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Matthew Galea li beda l-verżjoni li hu (l-appellant) deffes id martu fil-ħġieġ. Jilmenta wkoll li meta l-Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni tat-tifel hija ma kkunsidratx li t-tfal joħolqu alleanza mal-ġenitur li jgħixu miegħu waqt is-separazzjoni, f'dan il-każ il-*parte civile*

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tinnota li hi ma tkunx semgħet ix-xhieda kif tkun semgħethom l-Ewwel Qorti u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tagħhom meta dawn xehdu. Din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni, din ma tistax taqbad u tbiddilha. Din il-Qorti tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha

quddiemha tasal b'mod *"safe and satisfactory"* għal konklużjoni ta' ħtija.[1]

Illi l-ewwel imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati torbot madwar il-fatt li, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew ipoġġi l-ħajja ta' martu fil-periklu, hu kkaġuna offiżi ta' natura gravi. Filwaqt li l-ewwel imputazzjoni tirreferi għal offiżi ta' natura gravi, il-Qorti tinnota li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"Għalhekk ma tirriżultax xi ċirkostanza bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) tal-Kodiċi Kriminali, indikati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju. L-offiżi mġarrba jistgħu jitqiesu biss bħala ta' natura ħafifa"* (*a fol.* 162). Apparti dak li jirriżulta miċ-ċerifikat rilaxxat minn Dr. Chanelle Gatt, il-Qorti tinnota wkoll li meta xehed il-Professur Ray Gatt fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 127 *et seq.*) huwa qal li wara li reġa' eżamina lill-*parte civile* rriżulta li ma kien hemm l-ebda diżabilita' permanenti. Kellha raġun l-Ewwel Qorti dwar dak li qalet dwar il-ġrieħi sofferti mill-*parte civile* u dan minn dak li jirriżulta fl-atti proċesswali dwarhom.

Illi l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni tal-*parte civile* iżda din il-Qorti hija tal-fehma li l-aġir tal-appellant jirriżulta ċar anke meta tinqara l-istqarrija tiegħu stess (Dok. "MG 5" – *a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal hekk:

> "[...] imbuttajtha minn għonqha b'idi [*jimmarka idu x-xellugija*] u idejha ta' faċċata ta' idi li kelli ma' għonqha x'ħin marret lura daħlet fil-ħġieġa tal-bieb."

Illi minn dan il-kliem biss tirriżulta vjolenza minn naħa tal-appellant speċjalment meta wieħed jikkunsidra li qabad lill-martu minn għonqha. L-appellant jittenta jgħid li huwa għamel dan minħabba kondizzjoni medika li ssofri minnha l-*parte civile* iżda l-Qorti mhijiex propensa temmen din il-verżjoni. Di piú il-verżjoni mogħtija mit-tifel tal-koppja Liam Ciappara (*a fol.* 80 *et seq.*) tikkorrobora l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* u ċioè li kien l-

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 324/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2022.

appellant li mbotta lill-martu fil-vetrina. F'dan ir-rigward, għad-domanda tal-Ewwel Qorti: *"Urini kif għamel. Mela l-ewwel hi waqfet quddiem il-vetrina, qed tgħid kif qed turini, waqfet quddiem il-vetrina u hu mbutta ġo fiha?"* (*a fol.* 83), Liam Ciappara wieġeb hekk: *"Le hi kienet kważi magħha imma daħħalha hu, daħħalha lura magħha"* (*a fol.* 83).

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jisħaq li hu kien ġie provokat u li martu attakkatu u saħansitra tagħtu daqqa f'wiċċu. Jgħid ukoll li huwa qabad lil martu minn għonqha minħabba li kienet imweġġa' minn spallejha. Sabiex isostni l-argument tiegħu, l-appellant jirreferi għal fatt li allegatament martu faqgħet il-bieb sabiex tkompli l-ġlieda. Jispjega wkoll li l-*parte civile* kienet ilha 4 xhur thedded li ser titlaq mid-dar u meta wasal il-mument u ġiet biex titlaq hija fajjritlu daqqa ta' ħarta biex b'hekk bdiet l-inċident.

Illi fir-rigward tal-provokazzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. L-ewwel element indispensabbli għall-invokazzjoni b'suċċess tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 235 li jipprovdi hekk: *"Ma jiswiex lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża.* [....]
>
> 12. It-tieni element ta' din id-difiża tirrikjedi li r-reazzjoni tkun provokata minn offiża gravi jew b'delitt kontra l-persuna suġġetta għal piena ta' aktar minn sena priġunerija. [....]

> 13. Is-subartikolu (ċ) tal-artikolu 227 imbagħad jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet oħra jitqiesu bħala skuzanti jeħtieġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti hemm msemmija fosthom li r-raġuni għal dik l-azzjoni *"kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunx kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."* Dwar dan l-Ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Tabone** tas-26 t'Awwissu, 1998 u ma tarax għalfejn għandha tinoltra dwar elementi li llum huma pależament akkolti. Dak li għandu jkun konsiderat huwa jekk l-azzjoni tal-imputat hix waħda li tista' titqies bħala riżultat ta' provokazzjoni fit-termini tal-liġi."

Illi dwar it-tema tal-provokazzjoni, Professur Mamo fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law Part 1" jikteb hekk (*a fol.* 89):

> *""Heat and passion" aroused by provocation are indeed permitted to mitigate certain offences: but the yardstick by which the law measures the adequacy of the provocation is wholly <u>objective</u> – to have the mitigating effect, the provocation must have been such as would arouse the passion of a normally reasonable man (Section 241(c), Criminal Code.). In other words, this mitigation is a concession to the frailty of human nature, not an excuse for undue or abnormal irascibility."*

Illi mill-istqarrija (Dok. "MG 5" – *a fol.* 28 *et seq.*) rilaxxata mill-appellant lill-Pulizija jirriżulta li l-appellant qal li meta kienu fil-veranda l-*parte civile* tatu daqqa li dawwritlu wiċċu u r-reazzjoni tiegħu kienet li daħal ġewwa. Jgħid li daħlet għalih u kien hemm fejn iddeġenerat is-sitwazzjoni. Fid-depożizzjoni tagħha (*a fol.* 35 *et seq.*) il-*parte civile* ssemmi li hija żammet il-bieb b'saqajha u parti minnu waqgħet u hija daħlet ġewwa. Meta xehed Liam Ciappara (*a fol.* 80 *et seq.*) huwa spjega li missieru l-appellant għalaq il-bieb fuq saqajn ommu u għalhekk m'huwiex il-każ li hija faqgħet il-bieb kif jipprova jidrammatizza l-appellant. Dwar ir-reazzjoni tiegħu li jaqbad lil martu minn għonqha, din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti u tikkunsidra li din mhux reazzjoni involontarja. Anzi din il-Qorti tqis li din hija azzjoni ta' rivalza kontra l-mara

tiegħu li kienet irrifjutatu. Li kieku verament ried jimbotta l-mara tiegħu, ir-reazzjoni normali hija li wieħed jimbotta persuna mill-parti ta' fuq tal-ġisem u mhux jaqbad il-persuna minn għonqha!

Illi minbarra dan tali difiża tipekka wkoll minħabba l-fatt li ma ġiex ippruvat li l-azzjoni tal-*parte civile* kienet tali li tkun suġġetta għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija. Żgur li wieħed ma jistax jikkunsidra l-fatt li l-*parte civile* kienet lestiet l-bagalji bħala att ta' provokazzjoni. Bil-kontra din il-Qorti tinterpreta dan bħala att intiż sabiex il-parti l-oħra tiġi ppreparata għal dak li huwa inevitabbli. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ser tiċħad ukoll it-tieni aggravju

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li huwa għandu fedina penali netta u li l-ġrieħi li kkaġuna ma kienux ta' natura gravi hekk kif ġie ċċertifikat mit-Tabib Ray Gatt. Minbarra dan l-appellant jgħid li minħabba d-dinamika tal-inċident, il-piena hija eċċessiva. Huwa jitlob ukoll li fil-każ li ma jiġix liberat mill-ewwel imputazzjoni, il-Qorti għandha tirriforma s-sentenza peress li hija eċċessiva u mhijiex idonea għall-każ.

Illi r-rwol ta' din il-Qorti huwa li tixtarr jekk l-Ewwel Qorti setgħetx timponi l-kundanna li hija mponiet fil-każ in kwistjoni. Dwar il-kwistjoni tal-piena, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva."

Illi skont Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-offiża li titqies li hija ħafifa tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa pero' dan għandu

jittieħed fid-dawl ta' dak li jiddisponi Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta jitqies li l-appellant aġixxa kontra l-mara tiegħu u għandu jitqies ukoll Artikolu 202(h) tal-istess Kapitolu 9 li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għalih. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **The Police vs. Sava Rajakov** (Numru 415/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "The first Court decided this case in full respect of the law. One can argue that the Court was severe in its approach by punishing the accused with an effective prison sentence. However, this is a case of domestic violence and serious physical abuse on one's partner. These acts of domestic violence must receive zero tolerance in a civilised society. This Court here refers to the case in the names **The Police vs. Eva Langridge Stastna**[2] where this zero-tolerance approach towards domestic violence was also enunciated by the Court of Magistrates. In addition, the Court stated that:
>
> "There is to be no place for such demented actions, for frenzied attacks on persons who due to age or other circumstances can't even be assured protection within the confines of their own homes, attacks on individuals who suffer aggression from those to whom they entrust their care and companionship.""

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat. Il-Qorti żżid tgħid li fin-Nota (*a fol.* 221) ippreżentata mill-*parte civile* Ciappara fl-24 ta' Jannar 2023 hija nfurmat lill-Qorti li f'każ li kienet ser tikkonferma s-sentenza appellata hija tal-opinjoni li tiġi kkunsidrata piena non-karċerarja u dana stante ċirkostanzi fejn ġie stabbilit kuntatt bejn l-appellant u binhom minuri b'dan illi l-Qorti żżomm ferm il-protezzjoni maħruġa mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha. Minkejja dan u minkejja li l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-kontenut ta' din in-Nota, dan il-ħsieb ma jwassalhiex biex tvarja l-

[2] Decided by the Court of Magistrates (Criminal Jurisdiction) on the 17th. July 2018.

piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant, liema piena taqa' fil-parametri tal-liġi. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni li ma tvarjax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti għal diversi raġunijiet fosthom dik li ma jirriżultalhiex li l-appellant verament iddispjaċih ta' dak li għamel fil-konfront ta' martu u ma jirriżultax anqas li b'xi mod ipprova jpatti għall-ħsara minnu kaġunata jew li tal-anqas talab skuża lil martu għall-ħsara kaġunata minnu. Mhux talli hekk, talli r-rakkont tiegħu tal-akkadut ma kienx wieħed minnu. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-fedina penali tal-appellant ma baqgħetx waħda nadifa.

Illi l-liġijiet qegħdin hemm biex jiġu osservati u f'pajjiż ċivilizzat il-vjolenza ma għandhiex tiġi ttollerata. B'hekk il-Qorti ser tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Robert Ciappara u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Joyce Agius**
**Deputat Reġistratur**